



Brussell, 16 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

9955/17
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2013/0304 (COD)

CORDROGUE 75
DROIPEN 80
CODEC 976
JAI 575
SAN 231

NOTA PUNT "A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

Nru. dok. preċ.: 9567/17, 9957/17

Suġġett: Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pjeni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi, rigward id-definizzjoni ta' droga
- Qbil politiku

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dikjarazzjoni mill-Awstrija rigward il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pjeni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi, rigward id-definizzjoni ta' droga.

L-Awstrija indikat li kienet ser tivvota kontra l-qbil politiku dwar it-test imsemmi hawn fuq.

**Dikjarazzjoni tad-Delegazzjoni Awstrijaka għall-minuti ta' COREPER II u tal-Kunsill
dwar is-Sustanzi Psikoattivi Ġodda:**

"Aħna nappoġġaw l-għan ewlieni, jiġifieri li 'tiġi estiża l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali tal-Unjoni li japplikaw għat-traffikar illeċitu ta' drogi għal sustanzi psikoattivi ġodda li huma ta' riskju kbir għas-saħħa pubblika u, fejn applikabbli, fil-livell soċjali' (premessa 7).

Madankollu, naħsbu li mhux id-dispożizzjonijiet kollha tad-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI għandhom japplikaw għas-sustanzi psikoattivi ġodda.

Fir-rigward tal-imġiba deskritta fis-subparagrafi (a), (c) u (d) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru 2004/757, aħna naħsbu li l-Istati Membri għandhom jingħataw id-diskrezzjoni li jiddeċiedu jekk l-imġiba deskritta taħt (c) – pussess jew xiri – għandhiex tiġi kriminalizzata jew le. Billi d-Direttiva fiha standards minimi, kwalunkwe Stat Membru huwa liberu li jmur lil hinn minnhom – iżda l-Istati Membri ma għandhomx ikunu obbligati, bis-saħħa tad-Dritt tal-Unjoni, li jikkriminalizzaw tali mġiba.

Approċċ aktar limitat bħal dan min-naħa tal-leġislatur tal-Unjoni jkun konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà b'mod ġenerali u mal-kondizzjonijiet previsti mit-Trattati għal-leġislazzjoni fid-dritt kriminali:

'Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' direttivi skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, jistgħu jistabbilixxu regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fl-oqsma tal-kriminalità partikolarment gravi ta' dimensjoni transkonfinali li jirriżultaw min-natura jew l-impatt ta' dawn ir-reati jew minn hteġa partikolari li jiġu miġġielda fuq bażijiet komuni.' (Art. 83 paragrafu 1 TFUE)

Aħna naħsbu li l-pussess jew ix-xiri ta' sustanzi psikoattivi ġodda fih innifsu ma jissodisfax il-kriterji (enfasizzati) ċitati tat-Trattat."